# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/4/UE

**tat-8 ta' Frar 2010**

**li temenda, għall-fini tal-adattament għall-progress tekniku, l-Anness III mad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE rigward prodotti kożmetiċi**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar prodotti kożmetiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 (2) tagħha,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur,

Billi:

(1) Bħalissa, hemm żewġ sustanzi taż-żebgħa tax-xagħar mhux ossidativi li huma provviżjorjament permessi għall-użu fi prodotti kożmetiċi sal-31 ta' Diċembru 2010 skont ir-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Parti 2 tal-Anness III mad-Direttiva 76/768/KEE.

(2) Għal dawn iż-żewġ sustanzi taż-żebgħa tax-xagħar mhux ossidativi, HC Orange No. 2 u 2-hydroxyethylamino-5-nitroanisole, elenkati taħt in-numri ta' referenza 26 u 29 tal-Parti 2 tal-Anness III, il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (minn hawn 'il quddiem jissejjaħ KXSK) ta l-opinjonijiet finali tiegħu dwar is-sikurezza tagħhom. Il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati rakkomandati mill-KXSK fil-prodott kożmetiku finali ta' 1,0 % għal HC Orange No. 2 u ta' 0,2 % għal 2-hydroxyethylamino-5-nitroanisole. Għaldaqstant, HC Orange No. 2 u 2-hydroxyethylamino-5-nitroanisole jistgħu jkunu regolati definittivament fil-Parti 1 tal-Anness III.

(3) Id-Direttiva 76/768/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(4) Sabiex ikun żgurat progress bla xkiel għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom l-HC Orange No. 2 li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-ittikkettjar stipulati f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li jkunu previsti perjodi ta' tranżizzjoni xierqa.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kożmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Amenda lid-Direttiva 76/768/KEE**

L-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE hu emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2010, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' din id-Direttiva, għajr l-obbligi li jikkonċernaw l-ittikkettjar stipulati fil-kolonna (f) tal-annotazzjoni 208, mill-1 ta' Diċembru 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li wara l-1 ta' Novembru 2011 ebda prodott kożmetiku li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi li jikkonċernaw l-ittikkettjar stabbiliti fil-kolonna (f) tal-annotazzjoni 208 tal-Parti I tal-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE, kif emendat b'din id-Direttiva, m'għandu jitqiegħed fis-suq mill-manifatturi mill-Unjoni jew mill-importaturi stabbiliti fi ħdan l-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li wara l-1 ta' Novembru 2012 ebda prodott kożmetiku li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi li jikkonċernaw l-ittikkettjar stabbiliti fil-kolonna (f) tal-annotazzjonijiet 208 tal-Parti I tal-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE, kif emendat b'din id-Direttiva, m'għandu jinbiegħ jew jingħata lill-konsumaturi finali fi ħdan l-Unjoni.

[1] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169.

*Artikolu 4*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE jiġi emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti 1 għandhom jiżdiedu dawn li ġejjin:

| Numru ta' Referenza | Sustanza | Restrizzjonijiet | | | Kundizzjonijiet dwar l-użu u twissijiet li għandhom jiġu stampati fuq it-tikketta |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Qasam ta' applikazzjoni u/jew użu | Konċentrazzjoni massima awtorizzata fil-prodott kożmetiku finali | Limitazzjonijiet u rekwiżiti oħrajn | |
| a | b | c | d | e | f |
| "208 | 1-(beta-Aminoethyl) amino-4-(beta-hydroxyethyl)oxy-2-nitrobenzene u l-imluħa tiegħu<br>HC Orange No. 2<br>CAS Nru 85765-48-6<br>EINECS 416-410-1 | Sustanza taż-żebgħa tax-xagħar fi prodotti taż-żebgħa tax-xagħar mhux ossidativi | 1,0 % | — Tużax ma sistemi ta' nitrosazzjoni<br>— Kontenut massimu ta' nitrosamin: 50 µg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitriti | <br>Iż-żebgħat tax-xagħar jistgħu jikkawżaw reazzjonijiet allerġiċi qawwija.<br>Aqra u segwi l-istruzzjonijiet ta' hawn taħt.<br>Dan il-prodott mhuwiex għall-użu għal min għandu taħt is-16-il sena.<br>It-tpinġija mhux permanenti fuq il-ġilda permezz tal-'ħenna sewda' tista' żżidlek ir-riskju li tiżviluppa allerġija.<br>Tiżbax xagħrek jekk:<br>— Għandek raxx fuq wiċċek jew għandek xi irritazzjoni fuq il-ġilda ta' rasek.<br>— Qatt kellek xi reazzjoni ħażina wara li tkun żbajt xagħrek.<br>— Qatt kellek xi reazzjoni lejn xi tpinġija tal-ġilda mhux permanenti bil-'ħenna sewda'." |
| 209 | 2-[(2-methoxy-4-nitrophenyl)amino]ethanol u l-imluħa tiegħu<br>2-Hydroxyethylamino-5-nitroanisole<br>CAS Nru 66095-81-6<br>EINECS 266-138-0 | Sustanza taż-żebgħa tax-xagħar fi prodotti taż-żebgħa tax-xagħar mhux ossidativi | 0,2 % | — Tużax ma sistemi ta' nitrosazzjoni<br>— Kontenut massimu ta' nitrosamin: 50 µg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitriti | |

(2) Fil-Parti 2 tal-annotazzjonijiet relatati man-numri ta' referenza 26 u 29 huma mħassra.